

**Brussell, 11 ta' Jannar 2019
(OR. en)**

5127/19

**ECOFIN 12
UEM 4
STATIS 2**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-għaxar rapport annwali mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' prattika tal-istatistika Ewropea mill-Eurostat u s-sistema Ewropea tal-istatistika iġenerali

1. Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) ġie stabbilit mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2008 biex jipprovdi ħarsa ġenerali indipendenti lejn is-Sistema Ewropea tal-Istatistika, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea.
2. Il-kompiti ewlenin tiegħu huma li jħejji rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika msemmi, jivvaluta l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika iġenerali, u jipprovdi konsulenza lill-Kummissjoni dwar il-miżuri adatti għall-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha.
3. Normalment ir-rapport jintbagħat lill-Kunsill fil-ħarifa ta' kull sena, bħala parti mill-pakkett tal-istatistika. Fl-2018, ir-rapport tal-ESGAB ma kienx parti mill-pakkett tal-istatistika minħabba dewmien fit-tħejjija tiegħu, u għaldaqstant, eċċezzjonalment, intbagħat lill-Kunsill f'Jannar 2019 (dok. 5128/19).

4. Ir-rapport jikkonċentra fuq żewġ aspetti ewlenin: 1) it-titjib meħtieġ biex tissaħħaħ il-governanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS), soġġett għal-leġislazzjoni u l-programmi eżistenti; 2) it-tisħiħ li jista' jinkiseb fuq perijodu ta' żmien medju, possibbilment billi jinbidel is-sett eżistenti ta' regoli nazzjonali u Ewropej. Ir-rapport jagħti 14-il rakkomandazzjoni.
 5. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jinkludi r-rapport annwali tal-ESGAB fl-aġenda tal-Kunsill bħala punt "A" għall-informazzjoni.
-